MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2007

Citazzjoni Numru. 630/2006

**Av. Antoine Camilleri (numru tal-karta ta' l-identita' 495276 (M)) bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rappresentanza taz-zewg socjetajiet esteri adidas International Marketing B.V. u adidas-Salomon AG.**

**vs**

**Dr. Leslie Cuschieri u l-P.L. Hilda Ellul Mercer li b'digriet tal-21 ta' Awissu 2006 gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta' STE Alkalloubi Frere.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' l-Avukat Dottor Antoine Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetajiet esteri adidas International Marketing B. V. u adidas-Sal

oman AG datat 12 ta' Lulju 2006 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

1. Illi l-ewwel socjeta' rikorrenti adidas International Marketing B.V., ta' Koningin Wilhelminaplein 30, 1062 KR Amsterdam, tal-Olanda hija proprjetarja ta' diversi markji, fosthom il-markju distintiv maghruf bhala *"three stripes device"* liema markju huwa wzat fuq diversi prodotti bhal abbiljamenti tal-hwejjeg, zraben sportivi, brieret u prodotti ohra, u dan skond kif jidher fuq id-Dokument "A";

2. Illi din l-ewwel socjeta' rikorrenti hija detentrici tad-dritt ta' proprjeta' industrijali tal-istess markju distintiv "*three stripes device*" fil-komplessita' tieghu irregistrat fir-Registru tal-Markji f'Malta taht *Trademark No*. 29740 (kif muri f'Dok. "A"), kif ukoll minhabba l-fatt illi din l-ewwel socjeta' rikorrenti ghandha d-drittijiet tal-awtur fuq id-disinn jew xoghol artistiku "*three stripes device*" u dan kollu *ai termini* ta' l-Artikolu 2 tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) tal-KAP 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi t-tieni socjeta' rikorrenti adidas-Salomon AG, ta' Adi-Dassler-Str. 1-2, 91074 Herzogenaurach, tal-Germanja hija proprjetarja ta' diversi markji, fosthom il-markji distintivi maghrufa bhala "*three stripes device on clothing", "trefoil device",* u *"adidas"* liema markji huma wzati mis-socjeta' rikorrenti fuq diversi prodotti manifatturati minnha bhal abbiljamenti tal-hwejjeg, zraben sportivi, brieret u prodotti ohra, u dan skond kif jidher fuq id-Dokumenti "B", "C", "D" u "E";

4. Illi din t-tieni socjeta' rikorrenti hija detentrici tad-dritt ta' proprjeta' industrijali tal-istess markji distintivi *"three stripes device on clothing"*, *"trefoil device"*, u *"adidas"* fil-komplessita' taghhom irregistrati fir-Registru tal-Markji f'Malta taht *Trademark No*. 10994 (kif muri f'Dok. "B"), *Trademark No.* 30173 (kif muri f'Dok. "C"), *Trademark No.* 13562 (kif muri f'Dok. "D"), u *Trademark No.* 29878 (kif muri f'Dok. "E"), kif ukoll minhabba l-fatt illi din it-tieni socjeta' rikorrenti ghandha d-drittijiet ta' l-awtur fuq dawn l-imsemmija disinji jew xoghlijiet artistici "*three stripes*

*device on clothing”, “trefoil device*”, u “*adidas*” u dan kollu *ai termini* ta’ l-Artikolu 2 ta’ l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) tal-KAP 414 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. Illi jirrizulta illi fit-13 ta’ Gunju 2006 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur MV “CMA-CGM CHOPIN”, u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta’ cinturini li jgibu l-markji “*three stripes device*” u “adidas” fuq imsemmija liema konsenja tikkonsisti fi tlett elef u erba’ mitt (3,400) bicca, b’*Container* Numru ECMU1326072 u fi tlett elef u tlett mija u hamsin (3,350) bicca, b’Container Numru GESU5157126 u li ma humiex genwini, u dan bi ksur tal-projibizzjoni tal-Artiklu 4 tal-KAP. 414;

6. Illi mill-Poloz ta’ Kargu Numru GZ2138589 u Numru GZ2138229 jirrizulta li l-konsenjatarji tas-cinturini in kwistjoni huma ndikati bhala STE Alkalloubi Frere, mentri jirrizulta li d-dettalji tax-*Shipper* huma Tianjin Ameda International Trade Co., Ltd.;

7. Illi d-dhul gewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni ghal-cirkolazzjoni hielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ oggetti li jikkontravvjenu dritt dwar il-propjeta’ intellettwali huwa projibit skond l-Artiklu 4 ta’ l-istess KAP 414 tal-Ligijiet ta’ Malta;

8. Illi dawn ic-cinturini in kwistjoni jikkontravvjenu id-drittijiet ta’ propjeta’ intellettwali taz-zewg socjetajiet rikorrenti skond l-Artiklu 2(1) (a) (i), (ii) u (iii) tal-KAP. 414, li favur taghhom huma rregistrati l-markji distintivi maghrufa bhala “*three stripes device*” u “adidas”, kif spjegat aktar il-fuq, u jikkontravvjenu wkoll id-drittijiet tal-awtur illi z-zewg socjetajiet rikorrenti ghandhom fuq l-imsemmija markji distintivi rispettivi taghhom li huma wkoll xoghlijiet artistici protetti bil-KAP. 415 tal-Ligijiet ta’ Malta – Att Dwar id-Drittijiet tal-Awtur, u dan skond l-Artikolu 2(1) (b) tal-KAP. 414, u dan kollu kif ben spjegat mill-analizi li ghamel rapprezentant tal-ewwel socjeta’ rikorrenti adidas International Marketing B.V. f’isem iz-

zewg socjetajiet rikorrenti (ara rapport tal-analizi mmarkat bhala Dok. “F”);

9. Illi din il-konsenja ta’ cinturini bhalissa tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taht il-provvedimenti tal-KAP. 414 wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlu iz-zewg socjetajiet rikorrenti lill-istess Kontrollur wara li gew provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista’ jiddeciedi dwar il-kaz (ara kopja tal-applikazzjoni mmarkata bhala Dok. “G”);

10. Illi l-Avukat Dr. Antoine Camilleri *nomine* jiddikjara illi l-fatti suesposti jafhom in parti personalment u in parti minn informazzjoni li inghatatlu mill-Kontrollur tad-Dwana u mill-mandanti tieghu;

Illi ghalhekk l-istess socjeta` rikorrenti titlob lis-socjeta` intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Fil-konfront taz-zewg socjetajiet rikorrenti, tiddikjara u tiddeciedi illi c-cinturini in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlu s-socjetajiet rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b’piraterija (skond l-**Artikolu 2 (1) (a) u (b) tal-KAP. 414)**;

2. Fil-konfront tal-ewwel socjeta’ rikorrenti, jigifieri adidas International Marketing B.V., tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ din il-konsenja ta’ cinturini li tikkonsisti fi tlett elef u erbgha mitt (3,400) bicca, b’Container Numru ECMU1326072 u fi tlett elef u tlett mija u hamsin (3,350) bicca, b’Container Numru GESU5157126 da parti tas-socjeta’ intimata u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta’ rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta’ proprjeta’ intellettwali ta’ din is-socjeta’ rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini, skond l-Artikolu 2 (1) (a) (i) (ii) (iii) u (b) tal-KAP. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-KAP. 414, u dan fil-konfront tat-*Trademark* registrat f’isem is-socjeta’

rikorrenti bin-Numru 29740 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta' rikorrenti ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha "*three stripes device*";

3. Fil-konfront tat-tieni socjeta' rikorrenti, jigifieri adidas-Salomon AG, tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja ta' cinturini li tikkonsisti fi tlett elef u erba' mitt (3,400) bicca, b'Container Numru ECMU1326072 u fi tlett elef u tlett mija u hamsin (3,350) bicca, b'Container Numru GESU5157126 da parti tas-socjeta' intimata u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta' intellettwali ta' din is-socjeta' rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini, skond l-**Artikolu 2 (1) (a) (i) (ii) (iii) u (b) tal-KAP. 414** (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-**Artikolu 4 tal-KAP. 414**, u dan fil-konfront tat-*Trademark* registrat f'isem is-socjeta' rikorrenti bin-Numru 29878 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta' rikorrenti ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha "adidas";

4. Tordna lill-Kontrullur tad-Dwana u/jew lis-socjetajiet rikorrenti a bazi tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba sabiex jiddistruggu c-cinturini in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tas-socjeta' intimata, skond l-Artiklu 8 tal-KAP. 414;

5. Tordna kull rimedju iehor li tista' skond it-termini ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) - KAP. 414 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-konfront tas-socjetajiet rikorrenti;

6. Tordna lis-socjeta' intimata sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tac-cinturini in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-**KAP. 414;**

Bl-ispejjez, kontra s-socjeta’ intimata li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti u mmarkati minn Dok. “A” sa Dok. “H” li huma Dok. “A”:- Estratt originali mahrug mill-Kontrollur tal-Propjeta’ Industrijali mir-Registru tal-Markji ta’ Malta ghal *Trademark No.* 29740. Dok. “B”:- Estratt originali mahrug mill-Kontrollur tal-Propjeta’ Industrijali mir-Registru tal-Markji ta’ Malta ghal Trademark No. 10994. Dok. “C”:- Estratt originali mahrug mill-Kontrollur tal-Propjeta’ Industrijali mir-Registru tal-Markji ta’ Malta ghal Trademark No. 30173. Dok. “D”: Estratt originali mahrug mill-Kontrollur tal-Propjeta’ Industrijali mir-Registru tal-Markji ta’ Malta ghal Trademark No. 13562. Dok. “E”: Estratt originali mahrug mill-Kontrollur tal-Propjeta’ Industrijali mir-Registru tal-Markji ta’ Malta ghal Trademark No. 29878. Dok. “F”: Kopja tar-rapport tal-analizi mahrug minn Timothy George James Behean bhala rapprezentant legali tas-socjeta’ estera rikorrenti adidas International Marketing B.V. Dok. “G”: Kopja tal-applikazzjoni bil-miktub tas-socjetajiet rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex il-konsenja in kwistjoni setghet tigi maqbuda mill-istess Kontrollur skond it-termini tal-KAP. 414. Dok. “H”: Kopja ta’ prokura specjali mahruga mill-ewwel socjeta’ rikorrenti adidas International Marketing B.V. favur membri ta’ l-ufficcju legali MAMO TCV Advocates, u fosthom ir-rikorrent *nomine*, biex jinhatru prokuraturi specjali. Dok. “I”: Kopja ta’ prokura specjali mahruga mit-tieni socjeta’ rikorrenti adidas-Salomon AG favur membri tal-ufficju legali MAMO TCV Advocates, u fosthom ir-rikorrent *nomine*, biex jinhatru prokuraturi specjali. Dok. “J”:Kopja ta’ certifikat tar-registrazzjoni tal-ewwel socjeta’ estera rikorrenti adidas International Marketing B.V. Dok. “K”:- Kopja ta’ certifikat tar-registrazzjoni tat-tieni socjeta’ estera rikorrenti adidas-Salomon AG kollox kif jidher minn fol. 9 sa fol. 50 tal-process.

Rat ir-rikors tal-Avukat Dr. Antoine Camilleri *nomine* datat 12 ta’ Lulju 2006 a fol. 54 tal-process fejn is-socjeta’ rikorrenti talbet lill-Onorabbli Qorti joghgobha tinnomina kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta’ intimata

STE Alkalloubi Frere, fl-atti tar-Rikors fuq imsemmija u fl-atti l-ohra kollha relevanti u sussegwenti u tordna li bil-Bandu tigi notifikata l-imsemmija socjeta` *CMA Compagnie Maritime d'Affretement.* Il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Goeffrey Valenzia rat id-digriet precedenti, il-bandi mahruga u r-riferta tal-Marixxalli u billi ma deher hadd biex jaccetta l-kurazija, innominat lill-Avukat Dr. Leslie Cuschieri u lill-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi bid-digriet moghti fil-21 ta' Awissu 2006 kif jidher a fol. 55 tal-process.

Rat li dan ir-rikors giet appuntat ghas-smiegh minn din il-Qorti kif hekk attwalment presjeduta fl-4 ta' Settembru 2006 ghas-seduta tat-16 ta' Jannar 2007 b'dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dakinhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura ta' l-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b'riserva ta' kontro-ezami.

Rat in-noti tar-rikorrenti Dr. Antoine Camilleri *nomine* datata 10 ta' Ottubru 2006 a fol. 59 tal-process fejn esebixxa prospett (Dok "AC1") li fih hemm dettalji dwar il-*quantum* ta' l-ispejjez li jkunu jridu jithallsu mis-socjeta` intimata fl-eventwalita` illi din l-Onorabbli Qorti tilqa' s-sitt talba tas-socjeta` rikorrenti kif dedotta fir-Rikors Guramentat u dan flimkien mal-prospett gew annessi wkoll tliet dokumenti mmarkati Dok "PR1" sa Dok "PR3".

Rat in-nota tar-rikorrenti Dr. Antoine Camilleri *nomine* datata 10 ta' Ottubru 2006 a fol. 65 tal-process li biha esebixxa l-affidavits ta' l-ufficjali tad-Dwana George Agius u George Scerri (immarkati rispettivament bhala Dok "GA1: u Dok "GS1").

Rat li l-kuraturi deputati gew notifikati kemm bir-rikors u kif ukoll bin-noti u d-dokumenti li gew ipprezentati fil-mori.

Rat ir-risposta tal-Kuraturi Deputati Dr. Leslie Cuschieri u l-P.L. Hilda Ellul Mercer nomine datata 16 ta' Ottubru 2006 a fol. 71 tal-process fejn iddikjaraw:-

1. Illi b'digriet tal-21 ta' Awissu 2006, huma gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-sosjeta` SRE Alkalloubi Frere.

2. Illi huma ghad ma rnexxilhomx jikkomunikaw ma xi hadd li ghandu interess fl-allegata kumpanija konvenuta, u ghalhekk mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz odjern.

3. Illi ghalhekk huma jirriservaw li jeccipixxu ulterjorment.

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati u b'dokument anness immarkat bhala Dok "HEM".

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Jannar 2007 fejn meta ssejjah ir-rikors deher Dr. Antoine Camilleri li ddikjara li m'ghandux provi aktar. Dr. Leslie Cuschieri ssejjah diversi drabi baqa' ma deherx. Ir-rikors gie differit ghas-sentenza ghat-30 ta' Jannar 2007. Aktar tard deher Dr. Leslie Cuschieri li nforma lill-Qorti li ghad m'ghandux risposta.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi fir-rikors guramentat l-ewwel socjeta` rikorrenti, jigifieri adidas International Marketing BV.V., kif hawn rapprezentata f'dawn il-proceduri, ippremettiet li hija detentrici tad-dritt ta' propjeta` industrijali tal-markju "*three stripes device*" fil-komplessita` tieghu registrat fir-Registru tal-Markji f'Malta taht *Trademark No*. 29740 (kif muri f'Dok "A") (kif muri f'Dok "B"), kif ukoll minhabba l-fatt illi l-ewwel socjeta' rikorrenti ghandha d-drittijiet ta' l-awtur fuq id-disinn jew xoghol artistiku "*three stripes device*" u dan

kollu *ai termini* ta' l-**artikolu 2 ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Propjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi t-tieni socjeta` rikorrenti, jigifieri adidas-Saloman AG, hija dententrici tad-dritt ta' proprjeta` industrijali ta' l-imsemmija markji distintivi "*three stripes device on clothing", "trefoil device",* u "adidas" fil-komplessita` taghhom registrati fir-Registru tal-Markji f'Malta taht *Trademark No*. 10994 (kif muri f'Dok "B"), *Trademark No.* 30173 (kif muri f'Dok "C"), *Trademark Nu.* 13562 (kif muri Dok "D"), u *Trademark No.* 29878 (kif muri Dok "E"), kif ukoll minhabba l-fatt illi din it-tieni socjeta' rikorrenti ghandha d-drittijiet ta' l-awtur fuq dawn l-imsemmija disinnji jew xoghlijiet artistici "*three stripes on clothing device", "trefoil device"* u "adidas" u dan kollu *ai termini* ta' l-**artikolu 2 ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Propjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi l-istess socjetajiet rikorrenti allegaw li fit-13 ta' Gunju 2006 iddahlet gewwa Malta fuq il-vapur MV "CMA-CGM CHOPIN", u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta' cinturini li jgibu l-markji "*three stripes device*" u "adidas" fuq imsemmija liema konsenja tikkonsisti fi tlett elef u erba' mitt (3,400) bicca, b'*Container* Numru ECMU1326072 u fi tlett elef u tliet mija u hamsin (3,350) bicca, b'*Container* Numru GESU5157126 li ma humiex genwini, u dan bi ksur tal-projbizzjoni ta' l-**artikolu 4 tal-Kap. 414**; u li mill-Polza ta' Karigu Numru GZ2138589 u Numru GZ2138229 jirrizulta li l-konsenjatarji tac-cinturini in kwistjoni huma ndikati bhala STE Alkalloubi Frere, mentri jirrizulta li d-dettalji tax-*Shipper* huma ndikati bhala Tianjin Ameda International Trade Co. Ltd.; u b'hekk qed tallega li d-dhul gewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni ghal cirkolazzjoni hielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' oggetti li jikkontravjenu dritt dwar il-propjeta' intelletwali huwa projbit skond l-**artikolu 4 ta' l-istess Kap 414** tal-Ligijiet ta' Malta; u l-istess zewg socjetajiet rikorrenti jallegaw wkoll li dawn l-oggetti in

kwistjoni jikkontravvjenu d-drittijiet ta' propjeta` intellettwali taz-zewg socjetajiet rikorrenti skond l-**artikolu 2 (1) (a) (i), (ii) u (iii) tal-Kap 414**, li favur taghha huma rregistrati l-markji distintivi maghrufa bhala "*three stripes device*" u "adidas", u jikkontravvjenu wkoll id-drittijiet ta' propjeta` intellettwali tas-socjeta` rikorrenti skond l-**artikolu 2 (1) (b)** ta' l-istess **Kap 414**, kif ukoll jikkontravvjenu d-drittijiet ta' propjeta` intellettwali tas-socjeta` rikorrenti skond l-**artikolu 2 (1) (a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003** li tirrigwarda l-azzjonijiet li tiehu d-Dwana kontra prodotti li huma sospettati li jikkontravvjenu certi drittijiet ta' propjeta` intelletwali u l-mizuri li jridu jittiehdu kontra prodotti li jinsabu li jikkontravvjenu l-imsemmija drittijiet, u dan kollu kif ben spjegat mill-analizi li ghamel rapprezentant tas-socjeta' estera adidas International Marketing B.V. ghas-socjeta' rikorrenti (ara rapport ta' l-analizi mmarkat bhala Dok. "F"); u li dawn il-konsenji bhalissa jinsabu mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taht il-provvedimenti tal-**Kap 414** wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' rikorrenti lill-istess Kontrollur wara li gew provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista' jiddeciedi dwar il-kaz (ara kopja ta' l-applikazzjoni mmarkata bhala Dok. "F"); u ghalhekk talbet li l-istess oggetti hekk indikati jigu ddikjarati bhala oggetti foloz u li gew imdahhla b'piraterja bi ksur ta' l-**artikolu 2 (1) (a) u (b) tal-Kap 414;** tiddikjara li d-dhul Malta ta' l-istess oggetti hawn identifikati jikkontravjeni d-drittijiet tas-socjeta' rikorrenti abbazi ta' l-**artikolu 2 (1) (a) (i) (ii) (iii) u (b) tal-Kap 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Propjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)** u ghaldqastant vjolazzjoni ta' l-**artikolu 4 ta' l-istess Kap 414** u dan fil-konfront tat-*Trademarks* registrati f'isem is-socjeta` rikorrenti bin-Numru 29740 ghall-ewwel socjeta` rikorrenti, u 10994, 30173, 13562, u 29878 ghat-tieni socjeta`rikorrenti, fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tad-drittijiet ta' l-awtur illi s-socjeta` rikorrenti ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha "*three stripes device*" u "*three stripes device on clothing", "trefoil device*" u "adidas"; u wkoll li d-dhul Malta ta' l-istess tmur kontra d-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 2 (1) (a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003** tat-22 ta' Lulju 2003, u dan fil-konfront tat-*Trademarks*

registrati f'isem is-socjeta` rikorrenti bin-Numru 29740 ghall-ewwel socjeta` rikorrenti, u 10994, 30173, 13562, u 29878 ghat-tieni socjeta`rikorrenti, fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tar-registrazzjonijiet tat-*Trademarks* Komunitarji hemm indikati registrati f'isem is-socjeta` rikorrenti (dan kollu skond il-provvedimenti tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 40/94 tal-20 ta' Dicembru 1993 fuq it-*Trademark* Komunitarja (tal-Unjoni Ewropea), u/jew fil-konfront tad-drittijiet ta' l-awtur illi s-socjeta` rikorrenti ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha "*three stripes device*" u *"three stripes device on clothing", "trefoil device"* u "adidas"; u b'hekk qed titlob li din il-Qorti tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u/jew lis-socjeta' rikorrenti tiddistruggi l-istess oggetti minghajr ebda kumpens u dan ghas-spejjez tas-socjeta' intimata estera abbazi ta' l-**artikolu 8 tal-Kap 414;** u tordna li jittiehed kull rimedju iehor skond l-istess **Kap 414** u/jew **ir-Regolamenti tal-Kunsill (ER) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003** kontra s-socjeta' rikorrenti u fl-ahharnett sabiex tordna lis-socjeta` intimata sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna tad-distruzzjoni ta' l-oggetti kollha in kwistjoni, u ta' l-ispejjez ta' l-ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-**Kap 414** u dan kollox kif indikat fl-istess talbiet fir-rikors guramentat tas-socjeta' rikorrenti.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjoni u l-pretensjoniet attrici gew ippruvati kemm bix-xhieda prodotta mill-Avukat Dr. Antoine Camilleri *nomine* bhala rappresentant tas-socjeta' rikorrenti ghal dak li jirrigwarda anke l-marki u l-protezzjoni ta' l-istess marki gewwa Malta u dan kemm permezz tar-rikors guramentat tieghu u anke permezz ta' diversi dokumenti esebiti ma' l-istess rikors guramentat datat 12 ta' Lulju 2006, liema provi bl-ebda mod ma gew kontradetti.

Illi tali talbiet huma simili ghal dawk fis-sentenzi **"Av. Dr. David Tonna nomine vs Dr. Leslie Cuschieri et nomine"** (P.A. (LFS) – 14 ta' April 2005) u **"Av. Dr. David Tonna et nomine vs Dr. Anthony Cutajar et nomine"** (P.A. (TM) – 2 ta' Frar 2006); **"Av. Dr. David Tonna et nomine vs Dr. Anthony Cutajar et nomine"** (P.A. (RCP) – 28 ta' Gunju 2006) u **"Av. Dr. David Tonna**

**et nomine vs Dr. Anthony Cutajar et nomine"** (P.A. (RCP) – 1 ta' Novembru 2006) u l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet attrici jidhru li gew kollha konfermati kemm permezz tad-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat ta' Dr. Antoine Camilleri u d-dokumenti hemm esebiti bhala Dok. "A" sa Dok. "K" annessi ma' l-istess rikors guramentat datat 12 ta' Lulju 2006 u wkoll mill-affidavit ta' l-Ufficjali tad-Dwana George Agius u George Scerri (Dok. "GA1" – u Dok. "GS1" fol. 65) datati 6 u 4 ta' Ottubru 2006 rispettivament u esebiti permezz ta' nota datata 10 ta' Ottubru 2006.

Illi fil-fatt l-istess xhieda ikkonfermaw li l-istess konsenja kienet giet ezaminata fil-14 u 15 ta' Gunju 2006 u dan peress li kien hemm suspett li tali oggetti hemm indkati fl-istess affidavits setghu kienu kontrafatti u dan bi ksur tad-drittijiet tas-socjeta' rikorrenti u wara li saru l-verifiki necessarji mis-socjeta' rikorrenti, jirrizulta li l-Avukat Antoine Camilleri ghan-nom tas-socjeta' rikorrenti, informa lill-istess ufficjal tad-Dwana li tali konsenja kienet fil-fatt kontrafatta u dan kif jidher minn Dok. "F" datat 6 ta' Gunju 2006 u dan wara li l-istess socjeta' rikorrenti giet debitament informata b'din il-konsenja u ghalhekk din il-Qorti thoss li l-allegazzjonijiet attrici gew ilkoll ippruvati fil-grad rikjest mill-ligi; fil-fatt l-istess allegazzjonijiet ma gew bl-ebda mod kontestati b'dan li l-ewwel erba' talbiet attrici ghandhom jigu milqugha u fil-waqt li fir-rigward tas-sitt talba attrici din il-Qorti tirreferi ghad-dokumenti Dok. "AC 1" u Dok. "PR 1" sa Dok. "PR 3" esebiti man-nota tal-10 ta' Ottubru 2006 u tiffissa l-ammont ta' spejjez fis-somma ta' seba' mija u wiehed u ghoxrin liri Maltin u disa' centezmi (Lm721.09) kollox kif indikat a fol. 60 sa 63 tal-process.

Illi dwar il-hames talba attrici din il-Qorti thoss li ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-istess *stante* li fil-kaz in ezami ma hemmx bzonnha.

Illi ghalhekk hlief ghal dak li nghad dwar il-hames (5) talba attrici, t-talbiet attrici l-ohra ghandhom jigu milqugha, u dwar is-sitt talba tiddikjara li l-ammont ta' spejjez mitluba huma dawk ta' Lm721.09 skond prospett esebiet bhala

Dok. “AC 1” u dokumenti esebiti bhala Dok. “PR1” sa “PR3” esebiti b’nota datata 10 ta’ Ottubru 2006.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati inkwantu l-istess huma b’xi mod inkompatibbli ma’ l-istess, u fil-waqt li **tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames (5) talba tar-rikorrenti s-socjeta’ attrici, tilqa’ t-talbiet l-ohra ta’ l-istess socjeta’ rikorrenti biss fis-sens hawn deciz** b’dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-oggetti in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u oggetti mdahhla b’piraterija u dan skond l-**artikolu 2 (1) (a) u (b) tal-Kap 414;**

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ din il-konsenja ta’ oggetti li tikkonsisti fi tlett elef u erba’ mitt (3,400) bicca, u fi tlett elef u tliet mija u hamsin (3,350) da parti tas-socjeta` intimata u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta’ propjeta` intelletwali tas-socjeta` rikorrenti in kwistjoni li ma humiex genwini, skond l-**artikolu 2 (1) (a) (i) (ii) (iii) u (b) tal-Kap 414** (**Att dwar Drittijiet Dwar Propjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)** u ghaldaqstant bi vjolazzjoni ta’ l-**artikolu 4 ta’ l-istess Kap 414** u dan fil-konfront tat-*Trademarks* registrati f’isem is-socjeta` rikorrenti bin-Numri 29740 ghall-ewwel socjeta` rikorrenti, u 10994, 30173, 13562, u 29878 ghat-tieni socjeta` rikorrenti, fir-Registru tal-Markji ta’ Malta, u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta` rikorrenti ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha “*three stripes device*” u “*three stripes device on clothing”, “trefoil device*” u “adidas”;

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din l-imsemmija konsenja ta' sandlijiet tikkostitwixxi vjolazzjoni ta' l-**artikolu 2 (1) (a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003** tat-22 ta' Lulju 2003, u dan fil-konfront tat-*Trademarks* registrati f'isem l-ewwel socjeta` rikorrenti bin-Numru 29740, u ghat-tieni socjeta` rikorrenti bin-numri 10994, 30173, 13562, u 29878, fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tar-registrazzjonijiet tat-*Trademarks* hemm indikati kif registrati f'isem is-socjeta` rikorrenti (dan kollu skond il-provvedimenti tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 40/94 tal-20 ta' Dicembru 1993 fuq it-*Trademark* Komunitarja (tal-Unjoni Ewropea), u/jew fil-konfront tad-drittijiet ta' l-awtur illi s-socjeta` rikorrenti ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha "*three stripes device*" u *"three stripes device on clothing", "trefoil device"* u "adidas";

4. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u/jew lis-socjeta` rikorrenti a bazi ta' l-ewwel talba, it-tieni u tielet talba sabiex fi zmien ta' ghoxrin (20) gurnata tax-xoghol mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggu s-sandlijiet in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u kollox ghas-spejjes tas-socjeta` intimata skond l-**artikolu 8 tal-Kap 414**;

5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba in kwantu din il-Qorti intalbet tordna kull rimedju iehor li tista' skond it-termini ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Propjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) – **Kap 414** tal-Ligijiet ta' Malta u/jew skond it-termini tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003, fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti, u dan *stante* li fic-cirkostanzi tal-kaz ma hemmx bzonn tali talba.

6. Tordna lis-socjeta` intimata sabiex thallas is-somma ta' seba' mija u wiehed u ghoxrin liri Maltin u disa' centezmi (Lm721.09) bhala spejjes in konnessjoni mat-trasport, mal-hazna tad-distruzzjoni tas-sandlijiet in kwistjoni, u ta' l-ispejjez ta' l-ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-**Kap 414** kollox kif fuq indikat.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata b'dan li d-drittijiet tal-kuraturi jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------